Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10328 — CDPQ/ATI/ATI European Communications Infrastructure Business)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 221/06)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Caisse de dépôt et placement du Québec ("CDPQ", il-Kanada)

— American Tower International Inc. ("ATI", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— ATI's European Communications Infrastructure Business. ("il-Kumpanija fil-Mira").

CDPQ u ATI jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Kumpanija fil-Mira li għandha l-assi fil-Ġermanja, il-Polonja, Franza u Spanja.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CDPQ: investitur istituzzjonali fit-tul li tiġġestixxi fondi primarjament għal pjanijiet tal-pensjoni u tal-assikurazzjoni pubbliċi u parapubbliċi fil-Provinċja tal-Québec. CDPQ hija t-tieni l-akbar ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet fil-Kanada,

— ATI: sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' American Towers LLC, li hija stess hija sussidjarja u proprjetà kollha kemm hi ta' American Tower Corporation (ATC). ATC hija sid u operatur indipendenti ta' infrastruttura tal-komunikazzjonijiet mingħajr fili passivi, li għandha portafoll ta' madwar 183 000 sit tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni fil-Amerki, l-Ewropa, l-Afrika u l-Asja,

— il-Kumpanija fil-Mira: toffri servizzi li jospitaw network ta' telekomunikazzjoni tal-mobile li huwa newtrali mill-operatur lil siti tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet mingħajr fili passivi fi Franza, il-Ġermanja, il-Polonja u, bħala riżultat tal-akkwist parallel ta' kumpanija oħra (Telxius) minn ATI, fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10328 — CDPQ/ATI/ATI European Communications Infrastructure Business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË